MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tal-11 ta' Frar, 2013

Talba Numru. 1497/2010

**MTF Bonanno Construction Limited [C-41800]**

**Vs**

**Anthony BARBARA [K.I. Nru. 69683M]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fit-22 ta' Settembru, 2010** u li permezz taghha talbet lill-intimat ihallasha s-somma ta' elfejn u hamsa u sittin euro u sittin centezmu ta' euro [€2,065.60c] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Illi l-intimat gie tterminat lilu l-impjieg minn mas-socjeta attrici fuq disciplinary grounds nhar it-30 ta' Marzu 2010. Illi l-istess intimat ha s-somma ta' €1465.60 rapprezentanti 4 gimghat notice li ma kienx intitolat ghalihom u ghalhekk dan jammonta ghal arrikiment indebitu.

Illi inoltre l-istess intimat ghandu jhallas is-somma ta' €600 spejjes u valur ta' konkos minnu mohli b'mod kappricuz.

Ghalhekk dan it-Tribunal huwa mitlub jikkundanna lill-intimat ihallas is-somma komplessiva ta' elfejn u hamsa u sittin euro u sittin centezmu (€2,065.60) kif hawn fuq spjegat, bl-imghax u bl-ispejjez kollha".

Ra **r-risposta tal-intimat** minnu mressqa fil-25 ta' Ottubru, 2010 u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba rikorrenti:

"1. Mhux minnu li s-somma ta' €1,465.60 thallset indebitament;

2. Il-konvenut ma giex imkecci fuq 'disciplinary grounds';

3. Mhux minnu li l-konvenut hela b'mod kapriccuz xi konkos kif qed jallega l-attur.

B'rizerva ta' eccezzjonijiet ulterjuri u bl-ispejjez kontra l-attur".

Ra l-verbali datati 31 ta' Ottubru, 2012 u 7 ta' Jannar, 2013 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum;

Semgha' x-xhieda;

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta rikorrenti. L-intimat minkejja li huwa inghata terminu sabiex jippreżenta n-nota ta' sottomossijonijiet responsiva tieghu, liema terminu gie estiż permezz ta' digriet datat 19 ta' Settembru, 2012, baqa ma ppreżenta xejn.

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Is-socjeta rikorrenti kienet ingaġġat lill-intimat bhala *draughtsman* u xogholu kien li huwa jiehu hsieb li johrog il-qisien ta' xoghol li kien ikollha bżonn iġġib is-socjeta

rikorrenti ghax xoghol ta' kostruzzjoni li kienet taghmel kif ukoll jiehu hsieb il-hadid li kien ikun hemm bżonn fuq is-siti ta' kostruzzjoni. Gara li bejn is-socjeta rikorrenti u l-intimat inqala diverbju u dan fis-sens li filwaqt li s-socjeta rikorrenti tghid li l-intimat kien ordna xi konkos żejjed li imbaghad spiċċa ntrema, l-intimat ighid li dan ma kienx il-kaz. Minhabba dan id-diverbju, id-dirigenti tas-socjeta rikorrenti ddecidew li jitterminaw l-impjieg tal-intimat u fil-fatt ghaddew biex hallsuh is-somma ta' €1,274.16 bhala hlas a saldu ta' kull pretensjoni li l-istess intimat seta ppretenda li kellu fil-konfront tas-socjeta rikorrenti, inkluż hlas ghal *notice money*. Imbaghad l-istess soċjetà rikorrenti talbet minghand l-intimat il-hlas lura tas-somma ta' €2065.60 f'liema ammont hemm inkluż in-*notice money* li l-intimat ma hadimx u ghalhekk tghid is-socjeta rikorrenti dan jikkostitwixxi arrikkiment indebitu u ammont iehor bhala danni ghal konkos żejjed li gie ordnat biex imbaghad spiċċa mormi. L-intimat ma jaqbilx li huwa ghandu jaghti xi ammonti lis-socjeta rikorrenti.

Ikkunsidra;

2. Id-direttur tas-socjeta rikorrenti **Anthony Bonanno** xehed fis-seduta tal-5 ta' Lulju, 2011 illi l-intimat kien jahdem mas-socjeta rikorrenti bhala *draughtsman* izda llum ma ghadux. Xoghol l-intimat kien "*...illi jkejjel il-hadid u jiccekja illi x-xoghol gie lura sewwa kif ukoll ikejjel il-konkos sabiex inkunu nistghu nordnawh*" (fol. 10). Huwa qal li ghalkemm fil-bidu l-intimat kien qieghed jaghmel xogholu sew, maz-zmien beda jittraskura "*... u bdejt insiblu hafna zbalji*" (fol. 10). Kien hemm xi erba' okkazzjonijiet fejn gibidlu l-attenzjoni tieghu ghal dan il-fatt. Sussegwentement jghid dan ix-xhud, waqt li huwa kien imsiefer, huwa kien qal lil intimat sabiex jordna xi konkos "*... pero l-konvenut kien ha xi zball u kien fadal hafna konkos zejjed u minflok baghtu lura fit-trakk gieghel lill-haddiema jwaddbuh taht it-tower crane*" (fol. 11). L-ghada li gie lura x-xhud, huwa nduna b'dak li kien sehh u "*... dehrli li kelli nkeccieh u fil-fatt hekk ghamilt*" (fol.11).

Dwar it-talba odjerna, dan ix-xhud ighid li din "*...qed issir ghal bazi tal-fatt illi l-konvenut kellu erbgha gimghat notice*

*li jiena fil-fatt hallast ghalihom izda l-konvenut ma hadimx in-notice period tieghu. Qed nitlob ukoll l-ammont ta' sitt mitt ewro in kwantu ghad-danni li jiena soffrejt fir-rigward tal-incident li ghadni kif semmejt dwar il-konkos illi tefa taht it-tower crane u cioe t-telf tal-konkos kif ukoll il-fatt illi kelli nkissru u nnehhih minn hemm*" (fol. 11). Ghar-rigward tal-hlas tan-*notice* x-xhud ighid li huwa ghandu prova dokumentarja dwar dan[1], mentri ghar-rigward tal-hela tal-konkos, huwa jghid li "*dawn ikkwantifikajthom billi rajt x'konkos kien fadal u l-pagi tal-haddiema li jiena kelli nhallas biex dawn ikissru l-konkos u anke kemm kelli nhallas biex narmi l-materjal*" (fol. 11).

Il-fatt li kien gie ordnat konkos zejjed, ighid id-direttur tas-socjeta rikorrenti kienu qalulu bih zewg haddiema u cioe Mitjar Trampus u Andy Bonanno. Wara li dawn it-tnejn min nies kienu qalulu x'kien gara, huwa mar jivverifika personalment dan il-fatt u xis-saghtejn ta' wara nofs-in-nhar ta' dak-in-nhar stess, huwa baghat ghal intimat u infurmah li ma xtaqux jahdem mieghu izjed. Huwa qalu li ma riedux ikompli jahdem fl-ufficju u fil-fatt l-intimat telaq il-barra. Dan kollu sehh, ighid ix-xhud, fit-30 ta' Marzu, 2010. Meta xehed in kontro-ezami, x-xhud qal li l-konkos kellu jigi uzat biex isir il-grouting tal-planki u li ghalhekk ma kienx hemm ghalfejn jittiehed izjed konkos milli kien imiss peress li l-planki setaw jitkejjlu u b'hekk l-intimat facilment seta jkun jaf kemm kien hemm bzonn konkos.

Meta gie mistoqsi biex jispjega kif huwa ta' cekk lill-intimat fl-ammont ta' €1,274.16c u imbaghad fl-avviz tat-talba qieghed jitlob is-somma ta' €1,465.60c, huwa qal li "*...d-differenza bejn iz-zewg ammonti hija t-taxxa u l-bolla li jiena nkun irrid inhalla lill-Gvern*" (fol. 36).

Meta gie mistoqsi l-ghala huwa hallas lill-intimat meta kien jaf li huwa kellhu jiehu minghandu, x-xhud qal li huwa ghamel hekk sabiex ikun mexa korrettement mal-ligi.

[1] F'dan ir-rigward, giet pprezentata ittra datata 6 ta' Marzu, 2010 (dok. D a fol. 21) fejn fiha jinghad li "*Cheque No. 3504 issued by MTF Bonanno Construction Limited amounting to €1,274.16 is in full and final settlement of any dues still outstanding to me by the company including all notice money. I hereby confirm that I have no other outstanding dues to me from MTF Bonanno Construction Limited and have received all amounts due to me in full*".

Ghar-rigward talk-konkos zejjed, ix-xhud qal li kien hemm madwar zewg yardi konkos zejda. Zied ighid li "*kull yarda tiswa madwar sittin ewro*". Biex dan il-konkos tnehha kellhom jitqabbdu l-haddiema u imbaghad mghobbi ghal fuq t-trakk u mehud fil-barriera biex jintrema fejn thallsu d-*dumping charges*. Ikompli jghid li "*id-differenza bejn il-mija u ghoxrin ewro taz-zewg yardi li jiena ghidt illi kienu gew ordnati zejda u s-sitt mija li jiena qieghed nitlob ghad-dumping fees u xoghol iehor bhal haddiema u xufier, il-garr tal-istess huma stima tieghi li jiena hdimtha fuq l-esperjenza tieghi ta' hamsa u ghoxrin sena f'dan ix-xoghol*" (fol. 37).

3. Fis-seduta tas-7 ta' Dicembru, 2011 **xehed Andy Bonanno**, li jahdem bhala *crane driver* mas-socjeta rikorrenti. Ix-xhud ighid li "*fid-29 ta' Marzu tal-2010 ahna konna H'Attard u konna qed nghatu l-konkos gewwa sit ta' kostruzzjoni*" (fol. 25). L-intimat, ighid dan ix-xhud, kien gie fuq il-lant tax-xoghol biex ikejjel il-konkos li kien hemm bzonn, izda meta dan il-konkos gie, irrizulta li kien hemm hafna konkos zejjed. Ix-xhud ighid li l-intimat kien gieghelhom jarmu dan il-konkos zejjed taht it-*tower crane*. Minhabba f'hekk, ikompli jghid dan ix-xhud, huwa kien informa lil missieru Anthony Bonanno li jigi d-direttur tas-socjeta rikorrenti. Minn hemm il-quddiem ha hsieb kollox missieru u hu ma kellu x'jaqsam xejn iktar. Meta gie mistoqsi in kontro-ezami jekk jikkonfermax li l-intimat ma kienx *on site* meta ntrema l-konkos, huwa wieġeb fin-negattiv u qal li l-intimat kien qieghed hemm u "*kien il-konvenut li qalli biex narmi l-konkos żejjed taht it-tower crane*" (fol. 50).

4. L-intimat **Anthony Barbara** xehed fis-seduta tat-30 ta' Mejju, 2012. Huwa qal li kien jahdem bhala *draughtsman* u li xogholu kien li (i) johrog "*il-qisien ta' xoghol li kien ikollna bżonn ingibu ghall-bennejja, dan fuq pjanti li jkun tana l-Perit*" (fol. 52) u (ii) "*... niehu hsieb il-hadid li kien ikun hemm bżonn fuq is-siti ta' kostruzzjoni*" (fol. 52). Meta huwa kien jikkalkula kemm kien ikun hemm bżonn konkos, huwa kien ighid lill-imghallem u dan kien jordna l-konkos. B'referenza ghall-ordni li waslet ghat-tmiem ta' l-impjieg tieghu, l-intimat ighid li l-konkos ordnat

kellu jintuża għal *footing* biex jinbena ħajt fuqu u għal *grouting* tal-planki. Dwar il-kejl tal-konkos tal-*footing* l-intimat igħid li dan ingħata lilu mill-addetti tas-socjeta rikorrenti li kienu qegħdin jieħdu ħsieb din il-parti tal-kostruzzjoni. Meta mar on site l-intimat huwa seta jikkonstata li kien hemm madwar nofs jew tlett kwarti ta' yarda ta' konkos nieqes mill-*footing*. Huwa qal liż-żewġ ħaddiema barranin li kienu qegħdin jieħdu ħsieb dan il-*footing* sabiex jieħdu ħsieb li jimlew il-*footing* kif suppost u imbagħad telaq mis-sit ta' kostruzzjoni. L-intimat ikompli jgħid li huwa ordna xi ħadid sabiex l-għada jkun hemm ix-xogħol ordnat. Fit-30 ta' Marzu, 2010 is-segretarja tal-kumpanija rikorrenti nfurmatu li l-paga kienet għand l-imgħallem u fil-fatt huwa mar hemm sabiex ikun jista jiġbor l-istess. Hekk kif daħal fl-ufficju tiegħu huwa gie nfurmat mill-imgħallem li ma setawx jibqgħu jaħdmu flimkien. Dak il-ħin ma ħasibx li din kellha x'taqsam mal-kwistjoni ta' konkos żejjed li kien intrema xi ftit tal-granet qabel. Fil-fatt huwa telaq mill-bini tal-kumpanija. Xi granet wara, huwa mar fl-ufficini tal-kumpanija rikorrenti sabiex ikun jista juri lill-*quantity surveyor* u lil klijent kif kien ħadem kont partikolari. Meta wasal il-ħin biex timtela t-*termination form* l-intimat staqsa lid-direttur tas-socjeta rikorrenti x'kienet ir-raguni u dan wieġbu li huwa kien qiegħed jittraskura ix-xogħol. L-intimat jgħid li din kienet l-ewwel darba li sema b'din l-aħbar l-għaliex qatt qabel ma kien qallu hekk. B'referenza għar-raguni tat-terminazzjoni ta' impjieg, l-intimat igħid li s-socjeta rikorrenti riedet tniżżel li l-impjieg tiegħu gie terminat minħabba dixxiplina. L-intimat oġġezzjona għal dan. Kien f'dan l-istadju li harget il-kwistjoni ta' konkos żejjed. L-intimat jistqarr li s-socjeta rikorrenti lanqas in-*notice period* ma tħalla jaħdem. L-intimat qal ukoll li huwa ffirma d-dokument li hemm esebit a fol. 44 tal-process (dok. AB5) fejn hemm il-parking ta' Hugo's ġewwa Paceville u li hekk kif appena d-direttur tas-socjeta rikorrenti taħ ic-cekk (dok. AB4 a fol. 43) huwa talabulu lura u dan sabiex jagħmel tajjeb għall-ispejjez li l-istess soċjetà rikorrenti kienet għamlet tort tiegħu.

Ikkunsidra ulterjorment;

5. Is-socjeta rikorrenti qeghda titlob minghand l-intimat żewġ hlasijiet ammontanti komplessivament ghas-somma ta’ elfejn u hamsa u sittin euro u sittin ċenteżmu ta’ euro (€2,065.60).

i. L-ewwel hlas li hija qeda titlob lura minghand l-intimat huwa dak tan-*notice period*. Is-socjeta rikorrenti tghid li hija hallset l-ammont ta’ elf mitejn erbgha u sebghin euro u sittax-il ċenteżmu ta’ euro (€1,274.16) ghall-erba’ (4) ġimghat *notice period*, liema perjodu però huwa qatt ma hadem.

ii. It-tieni ammont huwa ta’ sitt mitt euro (€600) u dan jirrappreżenta spejjez u valur ta’ konkos mohli mill-intimat fuq il-lant tax-xoghol b’mod kapriċċużi.

***<u>In-notice period</u>***

6. Is-socjeta rikorrenti tghid li hija tterminat b’mod immedjat l-impjieg tal-intimat minn maghha nhar it-30 ta’ Marzu, 2010 fuq *disciplinary grounds*. L-intimat, wara li gie nfurmat b’dan mis-socjeta rikorrenti, telaq mill-ufficini taghha u ma regghax mar lura biex jahdem in-*notice period*. Ghalhekk, tghid is-socjeta rikorrenti, l-intimat gie li arrikixxa indebitament lilu nnifsu bil-flus li s-socjeta rikorrenti taghtu bhala *notice money*.

7. L-intimat fir-risposta tieghu jghid li mhux minnu li s-somma ta’ €1,465.60 thallset indebitament u li huwa ma ġiex imkeċċi fuq *disciplinary grounds*.

8. Skond id-dokument immarkat bhala Dok. D a fol. 21 tal-proċess jirrizulta li fis-6 ta’ Marzu (it-Tribunal jemmen li din id-data kellha tkun April), 2010 l-intimat iffirma dan id-dokument li permezz tieghu huwa rċieva ċekk fl-ammont ta’ €1,274.16 “*... in full and final settlement of any dues still outstanding to me by the company including all notice money*”. Din l-ittra taghlaq bil-kliem “*I hereby confirm that I have no other outstanding dues to me from MTF Bonanno Construction Limited and have received all amounts due to me in full*”.

9. Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, s-socjeta rikorrenti taghmel referenza ghall-**artikolu 1028A** tal-Kodici Civili li jghid hekk:

"(1) Min, minghajr kawża ġusta, jarrikixxi ruhu ghad-dannu ta' haddiehor ghandu fil-limiti tal-arrikkiment ihallas lura u jikkumpensa ghal kull tnaqqis patrimonjali li setghet sofriet dik il-persuna.

(2) Jekk l-arrikkiment huwa ta' oġġett determinat, dak li rcevih huwa marbut li jaghti lura l-oggett in natura jekk dan ikun ghadu jeżisti fil-mument tat-talba"

U ghall-**artikolu 1028B** tal-istess Kodici li jghid hekk:

"L-actio de in rem verso ma tistax tiġi ezercitata meta min sofra t-telf jista juża azzjoni ohra sabiex taghmel tajjeb ghad-dannu".

10. Minn dawn il-provvedimenti, l-elementi ta' din l-azzjoni gew elenkati hekk:

i. l-arrikkiment ingustifikat;
ii. id-dannu;
iii. ir-rabta bejn id-dannu u l-arrikkiment;
iv. in-nuqqas ta' gusta kawza; u
v. il-mankanza ta' xi azzjoni ohra stabbilita mil-ligi.

11. Is-subartikolu tmienja **(8) ta' l-Artikolu 36 tal-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kapitolu 452)** jistipula li "*meta impjegat taħt kuntratt ta' servizz għal żmien bla limitu jirċievi avviż mill-prinċipal kif jingħad hawn qabel, huwa*[2] *jista' jagħżel jew*

*i. li jissokta jaħdem sakemm jagħlaq iż-żmien tal-avviż jew,*

---

[2] cioe l-impjegat

ii. *f'kull żmien li jkun waqt li għadu miexi ż-żmien tal-avviż, iġiegħel lill-prinċipal li jagħtih somma li tkun daqs in-nofs tal-pagi li kien ikollhom jitħallsu għaż-żmien li jkun għad jonqos biex jagħlaq iż-żmien tal-avviż*".

12. Huwa dan is-subartikolu li huwa applikabbli ghal kaz odjern, l-ghaliex il-principal (is-socjeta rikorrenti) keċċiet lill-intimat (l-impjgeat).

13. Imbaghad is-subartikolu ghaxra **(10) ta' l-Artikolu 36 tal-Kapitolu 452** jistipula li jekk "***Jekk impjegat*** *taħt kuntratt ta' servizz għal żmien bla limitu jonqos li jagħti avviż kif jingħad hawn qabel, huwa jkun suġġett li jħallas lill-prinċipal somma li tkun daqs nofs il-paga li jkun imissha titħallas dwar iż-żmien tal-avviż*".

14. Is-socjeta rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, ticcita s-subartikolu erbatax **(14) ta' l-Artikolu 36 tal-Kapitolu 452** li jghid li "*Minkejja d-disposizzjonijiet ta' hawn qabel ta' dan l-artikolu, prinċipal jista' jibgħat impjegat u l-impjegat jista' jitlaq is-servizz tal-prinċipal, mingħajr ma jagħti avviż u mingħajr ebda obbligu li jagħmel ħlas kif dispost fis-subartikoli (10), (11) u (12) jekk ikun hemm raġuni tajba u biżżejjed biex dak l-impjegat jintbagħat jew jitlaq mis-servizz*".

15. Issa f'dan il-kaz, dan it-Tribunal huwa pprojbit mill-ligi li kkostitwietu sabiex jidhol u jiddeċiedi jekk is-socjeta rikorrenti kienitx ġustifikata li tittermina l-impjieg jew le ta' l-intimat. Din id-decizjoni taqa lil hinn mill-kompetenza tieghu[3].

16. Dan ma jfissirx li t-Tribunal sejjer jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti l-ghaliex hija l-fehma tat-Tribunal li s-

---

[3] Ara f'dan is-sens is-sentenzi moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawzi fl-ismijiet: **Martin Aquilina f'ismu proprju u in rappresentanza tad-ditta "Handkrafts" vs Moira Chircop** deċiża fil-15 ta' Ottubru, 1998 per Imhallef J. Filletti (Talba Numru 381/97 PS) u **Martin Aquilina f'ismu proprju u in rappresentanza tad-ditta Handcrafts vs Elizabeth Pace** deċiża fit-28 ta' Jannar, 1999 per Imhallef J. Filletti (Talba Numru 382/97);

socjeta rikorrenti messa l-ewwel u qabel kollox ipprocediet kontra l-intimat a bażi tal-kuntratt ta' impjieg quddiem il-Qorti kompetenti sabiex jiġi dikjarat minn dik il-Qorti li s-socjeta rikorrenti kellha raġuni ġusta l-ghala tterminat l-impjieg ta' l-intimat u konsegwentement ma kellhiex taghmel il-hlas a tenur tas-subartikolu (10) ta' l-Artikolu 36 tal-Kapitolu 452 u dan peress li kien japplika fil-konfront taghha dak li jistipula s-subartikolu (14) tal-Artikolu 36 tal-Kapitolu 452.

17. Fil-kawza **Salvatore Zammit vs Giuseppa Farrugia et**[4] deciza fl-10 ta' Dicembru 1955, l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili ikkonfermat li qabel tigi proposta l-*actio de in rem verso* l-attur irid fl-ewwel lok "*....jezawrixxi d-drittijiet tieghu derivanti mill-kuntratt jew kwazi-kuntratt; u jekk jirrizulta li jkun esperihom inutilment, allura jkun il-kaz li wiehed jikkunsidra jekk hemmx jew le lok ghall-azzjoni de in rem verso. Sakemm dawn ir-rimedji ma jkunx gew ezawriti mill-kreditur ghas-sodisfazzjon tal-Qorti, l-azzjoni utili ssir intempestiva*". F'dik il-kawza l-Qorti lliberat lill-konvenuta u imsejhin fil-kawza mill-osservanza tal-gudizzju, wara li kkonkludliet li l-attur ma kienx ezawrixxa rrimedju fil-konfront tal-persuna li kien ta l-inkarigu biex isiru x-xogholijiet fil-fond tal-konvenuti. L-istess haga qieghed ighid it-Tribunal f'din it-Talba odjerna.

18. Konsegwentement it-Tribunal sejjer jillibera mill-ossservanza tal-gudizzju lil intimat mill-ewwel parti tat-talba odjerna.

## <u>It-talba ghal hlas ta' €600</u>

19. Is-socjeta rikorrenti f'dan ir-rigward tghid li l-intimat uza konkos iktar milli messu uza fuq sit ta' kostruzzjoni. Ziedet tghid ukoll li dan il-konkos intrema taht it-*tower crane* li kien hemm *on site* fuq struzzjonijiet ta' l-intimat. Imbaghad kellha tnehhieh, u sabiex tnehhi dawn iz-zewg yardi konkos żejda, kellha tqabbad haddiemha minn

[4] Vol. XXXIX.ii.787 per Imhallef A. Magri. Ara ukoll f'dan is-sens is-sentenza moghtija mill-istess Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **John Seychell vs Emmanuele Farrugia** deciza fl-4 ta' Marzu, 1955 (Vol. XXXIX.ii.593)

taghha sabiex tkisser l-istess konkos li kien lehaq ghaqad sa dak il-hin, tghabbieh got-trakk taghha, tiehdu l-barriera biex tarmih u thallas id-*dumping fees* relattivi. Ghar-rigward tal-valur taz-zewg yardi konkos, ix-xhud Anthony Bonanno jghid li kull yarda konkos (C25) tiswa madwar sittin euro (€60). B’hekk jekk kien hemm żewġ yardi, dawn jiġu €120. Id-differenza bejn €600 u €120 u cioe €480 huma l-ispejjez li s-socjeta rikorrenti nefqet fi spejjez kif hawn fuq gie spjegat.

20. L-intimat da parti tieghu jghid li fuq is-sit in kwistjoni kien hemm bżonn li jsir *footing* (biex ikun jista jinbena hajt fuqu) u *grouting* tal-planki. Id-direttur tas-socjeta rikorrenti Anthony Bonanno ma jsemmiex il-fatt tal-*footing* iżda jsemmi biss il-*grouting* tal-planki. L-intimat ikompli jghid li ghar-rigward tal-*footing* huwa nghata l-kejl tal-hajt u b’hekk seta jahdem kemm kien hemm bżonn konkos minn żewġ addetti barranin tal-kumpanija. Il-konkos li kellu jintuża bhala grouting ghal planki hadu l-intimat personalment. Huwa qal ukoll li dak in-nhar li kien ser jinghata l-konkos huwa kien mar *on site* u hemm sab li l-*footing* ma kienx imtela kollu kif suppost u li kien ghad fadallu jiehu l-konkos. Kien ghalhekk li huwa qal lil dawn iz-zewg addetti barranin sabiex jiehdu hsieb li jimlew l-istess *footing* kif suppost. L-intimat imbaghad ighid li huwa ma reġax mar fuq il-lant tax-xoghol filwaqt li Andy Bonanno, jghid li kien l-istess intimat li kien ordnalu sabiex jarmi l-konkos żejjed taht it-*tower crane*.

21. It-Tribunal, f’dawn ic-cirkostanzi ma huwiex konvint li l-intimat ghandu ghal x’hiex jahti ghal dan ir-rimi ta’ konkos. Ibda biex jinghad li l-intimat stess jghid li l-konkos ordnat kellu jintuża f’zewg postijiet. L-ewwel post kien ghal-*footing* filwaqt li t-tieni post kellhu jkun ghal *grouting*. Xogholu kien li jikkalkula l-ammont ta’ konkos. X’gara u ma garax imbaghad ghar-rigward ta’ l-uzu ta’ dak il-konkos huwa ma kellhux x’jaqsam. Jekk l-addetti l-ohra tas-socjeta rikorrenti ma uzawx il-konkos kollu, dik ma hijiex responsabbilita tal-intimat. L-istess intimat qal li meta mar fuq il-lant tax-xoghol huwa seta jikkonstata li l-*footing* ma kienitx imtliet kif suppost bil-konkos u li huwa kien ġibed l-attenzjoni taz-zewg addetti barranin ghal dan

il-fatt. Meta imbaghad huwa ċempel wara nofsinhar lil wiehed minn dawn l-addetti barranin biex jara jekk il-*footing* imtlietx kif kien qal l-istess intimat, huwa gie nfurmat li “kollox sew”. Ghar-rigward ta’ jekk l-intimat taghx l-ordni sabiex jintrema l-konkret żejjed taht it-*tower crane* (skond ma jixhed Andy Bonanno – iben id-direttur tas-socjeta rikorrenti) jew jekk huwa ma kienx fuq il-lant tax-xoghol meta dan il-konkret intrema, t-Tribunal ma huwiex tal-fehma li dan il-fatt jista b’xi mod jbiddilu l-fehma tieghu ghar-rigward tar-responsabbilita tal-konkret żejjed li allegatament kien hemm fuq il-lant.

22. Ghalhekk, din it-talba tas-socjeta rikorrenti qeghda tiġi michuda.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi din it-talba billi filwaqt li fl-ewwel lok jillibera lill-intimat mill-osservanza tal-gudizzju ghar-rigward ta’ l-ewwel parti tat-talba tas-socjeta rikorrenti jichad il-kumplament tat-talba fil-konfront tieghu.

L-ispejjez huma kollha a karigu tas-socjeta rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------